



PARLAMENT EWROPEW

2014 - 2019

Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern

2013/0255(APP)

16.1.2015

ABBOZZ TA' RAPPORT INTERIM

dwar il-proposta għal regolament tal-Kunsill dwar it-twaqqif tal-Uffiċċju tal-Prosekutur Pubbliku Ewropew
(COM(2013)0534 – 2013/0255(APP))

Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern

Rapporteur: Monica Macovei

WERREJ

Paġna

MOZZJONI GĦAL RIŻOLUZZJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW	3
NOTA SPJEGATTIVA	7

MOZZJONI GĦAL RIŻOLUZZJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW

**dwar il-proposta għal regolament tal-Kunsill dwar it-twaqqif tal-Uffiċċju tal-Prosekutur Pubbliku Ewropew
(COM(2013)0534 – 2013/0255(APP))**

Il-Parlament Ewropew,

- wara li kkunsidra l-proposta għal regolament tal-Kunsill (COM(2013)0534),
 - wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tat-12 ta' Marzu 2014 dwar il-proposta għal regolament tal-Kunsill dwar l-istabbiliment tal-Uffiċċju tal-Prosekutur Pubbliku Ewropew¹,
 - wara li kkunsidra l-proposta għal direttiva dwar il-ġlieda kontra l-frodi li jaffettwaw l-interessi finanzjarji tal-Unjoni permezz tal-liġi kriminali (COM(2012)0363),
 - wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tat-23 ta' Ottubru 2013 dwar il-kriminalità organizzata, il-korruzzjoni u l-ħasil tal-flus: rakkomandazzjonijiet dwar azzjonijiet u inizjattivi li għandhom jittiehdu²,
 - wara li kkunsidra l-proposta għal regolament dwar l-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Kooperazzjoni fil-Ġustizzja Kriminali (Eurojust) (COM(2013)0535),
 - wara li kkunsidra l-Konvenzjoni Ewropea għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u l-Libertajiet Fundamentali, l-Artikoli 2, 6 u 7 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u l-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea,
 - wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tal-Kunsill tat-30 ta' Novembru 2009 dwar pjan direzzjonali għat-tisħiħ tad-drittijiet proċedurali ta' persuni suspettati jew akkużati fi proċedimenti kriminali,
 - wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, b'mod partikolari l-Artikoli 86, 218, 263, 265, 267, 268 u 340 tiegħu,
 - wara li kkunsidra l-Artikolu 99(3) tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
 - wara li kkunsidra r-rapport interim tal-Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern u l-opinjoni tal-Kumitat għall-Baġits u l-Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit (A8-0000/2015),
- A. billi data miġbura u analizzata mill-Kummissjoni identifikat suspetti ta' frodi li jaffettwaw l-interessi finanzjarji tal-Unjoni ta' medja ta' madwar €500 miljun kull sena, għalkemm hemm raġunijiet tajba sabiex jitwemmen li madwar €3 biljun kull sena jistgħu ikunu f'riskju minn frodi;

¹ Testi adottati, P7_TA(2014)0234.

² Testi adottati, P7_TA(2013)0444.

- B. billi r-rata ta' tressiq ta' akkuża huwa baxx - madwar 31 % fi tmien snin bejn l-2006 u l-2013 - imqabbel man-numru tar-rakkomandazzjonijiet mill-OLAF lill-Istati Membri, u wieħed mill-għanijiet tal-Uffiċċju tal-Prosekutur Pubbliku Ewropew (EPPO) huwa li jnaqqas din id-differenza;
- C. billi xi Stati Membri forsi jkunu inqas effettivi fil-prosekuzzjoni ta' frodi li jaffettwaw l-interessi finanzjarji tal-UE, bi ħsara għall-kontribwenti tal-Istati Membri kollha tal-UE li jikkontribwixxu għall-baġit tal-Unjoni;
- D. billi fir-risoluzzjoni tiegħu tat-12 ta' Marzu 2014 talab lill-Kunsill għal involviment estensiv fix-xogħol leġiżlattiv permezz ta' fluss kostanti ta' informazzjoni u konsultazzjoni kontinwa;
- E. billi ġuriżdizzjonijiet, tradizzjonijiet legali u sistemi tal-infurzar tal-liġi differenti fl-Istati Membri m'għandhomx itellfu jew jimminaw l-għieda kontra l-frodi u r-reati li jaffettwaw l-interessi finanzjarji tal-Unjoni;
- F. billi t-terroriżmu huwa ffinanzjat ukoll mill-kriminalità organizzata, u l-gruppi kriminali jiġbru fondi permezz ta' frodi;
 1. Jafferma mill-ġdid ir-rieda qawwija tiegħu biex jindirizza l-prijoritajiet għall-istabbiliment tal-EPPO u biex jidentifika l-prinċipji u l-kondizzjonijiet li taħthom jista' jkun li jagħti l-approvazzjoni tiegħu;
 2. Itenni l-kontenut tar-rapport interim preċedenti tiegħu adottat permezz ta' risoluzzjoni tat-12 ta' Marzu 2014 u jfittex li jissupplimentah u jaġġornah wara l-aħħar żviluppi fid-dibattitu tal-Kunsill;
 3. Jistieden lill-Kunsill biex iżommu kompletament infurmat u kostantement konsultat; ihegġegħ lill-Kunsill biex jikkunsidra l-fehmiet tiegħu, bħala prekundizzjoni meħtieġa biex jiġi żgurat l-aktar consensus mifrux possibbli dwar l-eżitu leġiżlattiv;
 4. Jikkunsidra li approċċ innovattiv huwa meħtieġ għall-investigazzjoni, il-prosekuzzjoni u t-tressiq il-qorti ta' dawk li jiffrodaw l-interessi finanzjarji tal-Unjoni sabiex tiżdied l-effiċjenza tal-għieda kontra l-frodi, ir-rata tal-irkupru u l-fiduċja tal-kontribwenti fl-istituzzjonijiet tal-UE;
 5. Iqis kruċjali li fi żmien qasir jiġi żgurat l-istabbiliment ta' EPPO wieħed, b'saħħtu u indipendenti li jkun kapaċi jinvestiga, jipprosegwixxi u jressaq il-qorti dawk li jwettqu r-reati kriminali li jaffettwaw l-interessi finanzjarji tal-Unjoni; u jikkunsidra li soluzzjoni aktar dgħajfa tkun spiża għall-baġit tal-Unjoni;

Prosekutur Ewropew Indipendenti

6. Jenfasizza li l-istruttura tal-EPPO għandha tirrifletti grad massimu ta' indipendenza u għaldaqstant jitlob ftuħ u trasparenza fil-proċeduri tal-għażla u l-ħatra tal-Prosekuturi Ewropej;
7. Jisħaq fuq l-importanza tal-involviment tiegħu fil-proċeduri ta' ħatra u jissuġġerixxi

kompetizzjoni miftuħa għal kandidati bi professjonalità, esperjenza u ħiliet adegwati, li jistgħu jiġu magħżula mill-Kummissjoni Ewropea, evalwati minn panel ta' esperti u mismugħa mill-Parlament Ewropew;

8. Jilqa' l-provvediment ta' rapportar annwali lill-Istituzzjonijiet tal-UE sabiex jiggarrantixxi valutazzjoni kontinwa tal-attivitajiet imwettqa mill-korp il-ġdid;

Diviżjoni ċara ta' ġurisdizzjoni bejn l-EPPO u l-awtoritajiet nazzjonali

9. Jemmen li regoli li jirregolaw id-diviżjoni ta' ġurisdizzjoni bejn l-EPPO u l-awtoritajiet nazzjonali għandhom ikunu ċari u jevitaw kull miżinterpretazzjoni fil-fażi operazzjonali: l-EPPO għandu jkollu ġurisdizzjoni biex jinvestiga u jipprosegwixxi r-reati li jikkostitwixxu frodi li jaffettwaw l-interessi finanzjarji tal-Unjoni skont id-direttiva dwar il-ġlieda kontra l-frodi li jaffettwaw l-interessi finanzjarji tal-Unjoni permezz tal-liġi kriminali;

Struttura effiċjenti għall-ġestjoni effettiva tal-każijiet

10. Jieħu nota li l-għażla ta' struttura kolleġġjali qiegħda taħt skrutinju mill-Istati Membri, minflok dik ġerarkika inizjalment proposta mill-Kummissjoni Ewropea; f'dan ir-rigward, jemmen li d-deċiżjonijiet rigward l-għażla tal-ġurisdizzjoni kompetenti, tat-twaqqiġ ta' każ u tat-tranżazzjoni għandhom jittieħdu fuq livell ċentrali mill-Kmamar;
11. Jissottolinea li l-Kmamar għandu jkollhom rwol ewlieni fl-investigazzjonijiet u l-prosekuzzjonijiet u ma jillimitawx l-attivitajiet tagħhom għal sempliċi funzjonijiet ta' koordinazzjoni, imma għandhom jissorveljaw ix-xogħol tal-Prosekuturi Ewropej Delegati fil-qasam;
12. Huwa mħasseb dwar il-konnessjoni awtomatika bejn il-Prosekutur Ewropew fl-Uffiċċju ċentrali u każ imressaq fl-Istat Membru tiegħu, peress li dan jista' jagħti lok għal nuqqasijiet evidenti fejn tidħol l-indipendenza tal-prosekuturi u d-distribuzzjoni tal-każijiet;
13. Għaldaqstant isejjaħ għal organizzazzjoni razzjonali tal-volum tax-xogħol tal-Uffiċċju fuq livell ċentrali: is-sistema tal-allokkazzjoni tal-każijiet fost il-Kmamar għandha ssegwi kriterji predeterminati u oġġettivi, u fi stadju ulterjuri, speċjalizzazzjoni speċifika tal-Kmamar tista' tkun ikkontemplata;
14. Huwa konvint li l-għarfien, l-esperjenza u l-perizja fis-sistemi nazzjonali tal-infurzar tal-liġi se jkunu garantiti wkoll mill-persunal tal-EPPO fl-uffiċċju ċentrali;

Miżuri investigattivi u ammissibilità tal-provi

15. Jistieden lil-leġiżlatur jiżgura proċeduri simplifikati biex l-EPPO jikseb l-awtorizzazzjoni għal miżuri investigattivi f'każijiet transkonfinali, skont il-liġi tal-Istati Membri fejn il-miżura inkwistjoni tiġi eżegwita;
16. Jistieden lill-Kunsill biex jiżgura l-ammissibilità tal-provi miġbura mill-EPPO madwar l-Unjoni, peress li dan hu kruċjali għall-effettività tal-prosekuzzjonijiet;

Aċċess għal rieżami ġudizzjarju

17. Jafferma li d-dritt għal rimedju ġudizzjarju għandu jkun dejjem irrispettat b'riferenza għall-attività tal-EPPO u jirrikonoxxi wkoll il-hteġa li l-EPPO jopera effettivament mingħajr dewmien mhux ġustifikat;
18. Jemmen li għall-iskopijiet tar-rieżami ġudizzjarju tal-miżuri investigattivi kollha u ta' miżuri proċedurali oħrajn adottati fil-funzjoni prosekutorja tiegħu, l-EPPO għandu jkun meqjus awtorità nazzjonali quddiem il-qrati kompetenti tal-Istati Membri;

Protezzjoni legali koerenti għal persuni suspettati u akkużati

19. Ifakkar li l-Uffiċċju l-ġdid għandu jwettaq l-attivitajiet tiegħu b'rispett sħiħ għad-drittijiet imħaddna mill-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea kif ukoll fil-qafas legali pprovdut mill-Unjoni dwar id-drittijiet proċedurali ta' persuni suspettati u akkużati fi proċedimenti kriminali u dwar il-protezzjoni ta' data personali;
20. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din ir-riżoluzzjoni lill-Kunsill u lill-Kummissjoni.

NOTA SPJEGATTIVA

Il-valur miżjud tal-Uffiċċju tal-Prosekutur Pubbliku Ewropew għandu jikkonsisti f'li jkun hemm investigazzjonijiet kriminali u prosekuzzjonijiet minn Uffiċċju uniku u indipendenti fuq livell Ewropew f'każijiet ta' frodi li jaffettwaw il-fondi tal-UE, żieda fil-prosekuzzjonijiet, irkupru ta' fondi u fiduċja tal-kontribwenti tal-Istituzzjonijiet Ewropej. Is-sistema attwali, għalkemm qed taħdem tajjeb f'xi Stati Membri, irriżultat pjuttost ineffiċjenti madwar l-Unjoni f'termini ta' prosekuzzjonijiet u rkupru ta' fondi.

B'mod ġenerali, il-ħolqien ta' Uffiċċju tal-Prosekutur Pubbliku Ewropew għandu jkun motivat mill-ħtieġa konkreta ta' rettifikazzjoni tal-istatus quo fejn ir-rata ta' tressiq ta' akkuża tar-rakkomandazzjonijiet tal-OLAF kienet ta' medja ta' 31 % fi tmien snin (2006-2013). Għaldaqstant, l-irkupru tal-flus taċ-ċittadini tagħna kien baxx u dan huwa inaċċettabbli u jeħtieġ bidla serja.

Ir-Rapporteur jixtieq iwassal rapport interim ġdid, li jiddelinja l-prijoritajiet politiċi tal-Parlament Ewropew u li jissottolinja l-prinċipji u l-kundizzjonijiet li taħthom il-Parlament jista' jkun li jagħti l-approvazzjoni tiegħu għall-proposta tal-leġiżlatur. Mill-adozzjoni tal-proposta tal-Kummissjoni f'Lulju 2013, il-Parlament Ewropew wera interess kbir u impenn lejn parteċipazzjoni fil-proċess leġiżlattiv. Fir-riżoluzzjoni tiegħu tat-12 ta' Marzu 2014, il-Parlament sejjaħ lill-Kunsill biex jiġi involut estensivament fix-xogħol tiegħu u għamel numru ta' suġġerimenti politiċi li jindirizzaw uħud mill-aspetti kruċjali li huma l-aktar mhedda: l-istruttura, l-indipendenza, il-proċess tat-teħid ta' deċiżjonijiet, il-kompetenza, l-għodod ta' investigazzjoni, l-ammissibilità tal-provi, ir-rieżami ġudizzjarju, il-protezzjoni legali.

L-orjentazzjonijiet espressi sa issa fil-Kunsill Ġustizzja u Affarijiet Interni jersqu lejn korp kolleġġjali magħmul minn Prosekutur Ewropew uniku għal kull Stat Membru mmexxi minn Kap Prosekutur u ġurisdizzjoni konkorrenti bejn l-Uffiċċju l-ġdid u s-servizzi ta' prosekuzzjoni nazzjonali. Id-deċiżjonijiet dwar dawn il-kwisjonijiet se jkollhom impatt pożittiv jew negattiv fuq l-effettività tal-attivitajiet tal-EPPO kif ukoll b'mod ġenerali fuq il-valur miżjud tal-korp il-ġdid tal-Unjoni.